# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**93.** **11 ta' GUNJU 1910.** **IT-TIENI SENA**

## FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# L-Emigrazzjoni.

## L-AUSTRALJA.

Illum sejjer nitchellem ftit magħcom fuk l-Aŭstralja, dac il pajjis tant cbir li jlaħħak ħamsa u għoxrin darba acbar m'il Gran Brettanja bl-Irlanda b'collox. L-Aŭstralja hi imkassma f'daŭna il pajjisi: Queensland, New South Wales, Victoria, South Aŭstralia u Western Australia. In-naħħa t-isfel hemm il gżira Tasmania u l-isfel ucoll, ftit actar f'il bogħod, hemm il gżejjer li jagħmlu in-Nova Zelanda. Barra minn Nova Zelanda il pajjisi l-oħra collha li semmejna, fl-1900, ingħakdu flimchien u ħalku il « Federazzjoni Aŭstraljana. »

Daŭc il bdieŭa li jmorru hemm biex jaħdmu raba ġdid jeŭ biex ijcattru il ġonna ta'l frott, basta jcollhom għokda flus, għallankas ta' xi mitejn lira, jakblilhom li jmorru hemm għaliex huma imfittxa ŭisk. Jakblilhom li għal l-eŭŭel jidħlu jaħdmu għal sena ma ħaddieħor biex jifhmu ftit chif ijsir ix-xogħol hemm u imbagħad jixtru ir-raba huma. Minn jieħu miegħu għallankas mitt lira f'butu jsib x'jagħmel ucoll fi ħŭejjeġ oħra. Daŭc li ma jcollhomx flus iżda li jafu jaħdmu f'ir-raba u l-actar f'il macni, jeŭ li jafu jaħilbu il bakar, jeú ijgiżżu in-ngħaġ jeŭ jieħdu ħsieb il bhejjem ijsibu x'jagħmlu ucoll. Daŭc li ma jcuńux miżżeŭŭġa huma imfittxa actar. L-ichel u il chera dejjem, tista tgħid, li jieħu ħsiebhom min jimpjegahom miegħu, u dana ir-razzjon ijcun fih ix-xaba t'Alla billi cull gimgħa jatu għal cull gimgħa għal cull ŭieħed xi ŭiżna tkiek, ma'l ŭiżintejn laħam, ratal zoccor u qŭart tè; il butir u il ġobon trid tixtrihom int. L-irkad ijsir f'gabbani ta'l injam u għalhecc xi ftit tbatija jcun hemm sgur.

Il carpentieri u daŭc li jibnu b'il madum huma imfittxa ŭisk, u cull min jaf xi sengħa meccanica, basta jcollu ftit ta'l flus biex ijżomm għal l-eŭŭel ftit ġmiegħi, jsib x'jagħmel ucoll. Scrivani u nies ta'l ħŭienet ma hemmx bżonnhom għaliex hemm addoċċ. Is-sefturi nisa jeŭ il bniet żgħar biex ijgħinu f'ix-xogħol huma imfittxa dejjem, iżda ta' ħajjata jeŭ ta' nisa għal ħŭienet ma hemmx bżonn. It-tfal u in-nisa miżżeŭŭġa jsibu jakilgħu sold ġmielu billi jaħdmu f'ir-raba, jeŭ bħala sefturi jeŭ bħala ħassiela.

L-aħjar żmien biex taslu hemm hu: minn Mejju għal Settembru f'New South Wales u f-Victoria; minn Dicembru sa Mejju f'it-Tasmanja; minn Settembru sa Frar f'in-Nova Zelanda; minn April sa Lulju fi Queensland; minn Mejju sa Ottubru fl-Aŭstralja t'Isfel u minn Marzu sa Settembru f'il Western Aŭstralia, meta il minieri ta'd-deheb u ix-xogħol ta'r-raba jitkanklu seŭŭa. Min ijmur fi żmien is-sħana ftit ijsib x'jagħmel; u għandcom tcunu tafu li billi l-Aŭstralja kiegħda in-naħħa l-oħra ta'd-dinja meta hu b'inhar haún jaħbat b'il-lejl hemm u b'il maklub; hecc ucoll is-sajf jaħbat minn Dicembru sa Frar, meta haŭn f'Malta għandna l-akkal ta'x-xitŭa. Il clima hu tajjeb u sabiħ ħafna u bejn ŭieħed u ieħor ftit differenti minn tagħna. Hemm cullħadd ijcollu jeduca l-uliedu iżda hemm ħafna schejjel ta'l Gvern m'il aħjar. F'it-Tasmanja għa't-tagħlim cull tifel ijħallas erba soldi f'il gimgħa; f'il pajjisi l-oħra b'xejn. Hemm ħafna sptarijiet u bibliotechi cullimchien. Il flus li jimxu hemm huma l-ingliżi. Hemm ħafna vapuri-ta'l-art, telegrafi, trammijiet, laneċ u cumditajjiet oħra. Il posta tħallas daks ta' Malta. Cull acre art tixtrih biex tnaddfu u jibka tiegħec minn tmintax irbigħi sa lira; fi Queensland u f'il Western Aŭstralja jatuc mija u sittin acre b'xejn. Minn ijrid jieħu artijiet cbar biex jirgħa l-annimali fi

hom jiċrihom b'ħaġa żgħira ħafna. Il ħlas ta'r-raba jcun jista jsir b'tant f'ix-xahar.

Is-sudditi ingliżi collha jcunu milkugħa imkar ma jcunux jafu ftit scola; iżda l-oħrajn ijridu jcunu jafu xi ħaġa ta'l iscola. Ma jħallux jidħol jeŭ ijcheċċu il daŭc collha li ma jcollhom ħila ta' xejn u li għalhecc ijcunu jridu jpoġġu ma' ħaddieħor, il daŭc li jcunu morda jeŭ immancati jeŭ li jcollhom xi mard li jittieħed, jeŭ li jcunu ġa iccundannati għal actar minn sena ħabs jeŭ li jcunu ta' ħajja ħażina jeŭ li jridu jgħixu minn fuk spallejn xi mara ħażina.

L-Agent-General għal New South Wales jokgħod f'Canon Street, 123 u 125, Londra, fejn ŭieħed jista jicteb biex jieħu informazzjonijiet aħjar. Fuk il prezz ta'l passaġġi tistgħu tistaksu fl-Agenzija Cook jeŭ f'agenziji oħra ta' haŭn Malta li jatucom cull informazzjoni iżda naħseb li f'it-terza classi ma jkumx actar minn għaxar liri. It-tfal sa tnax il sena jħallsu nofs prezz. Min jaf ijsajjar actarx jiddobba post malajr. New South Wales hi cbira tliet darbiet daks il Gran Brettanja bl-Irlanda b'collox, u fiha ma'ż-żeŭġ miljuni nies, nofs miljun minnhom ijgħixu f'Sydney li hi il belt capitali. Il prodotti huma suf, xgħir, butir, ġobon, frott, imbit, zoccor, laħam iccongelat, ġlud, bhejjem ħajja, xamagħ-ta'd-dam u injamijiet, faħam ta'l ħaġra, deheb, fidda, ċomb u stann barra minn minerali oħra. F'Sydney il chera hua actarx għali; ħames cmamar u ccina jkumu sa tmintax il xelin f'il gimgħa. F'il campanja il chera jkum ŭisk ankas u il ħaddiema collha jeŭ il biċċa il cbira minnhom jibnu huma stess il gabbana tagħhom ta'l injam u jgħammru fiha.

Ragel ta'l ichel u il chera b'collox ma jħallasx actar minn tnax sa tmintax il xelin f'il gimgħa; in-nisa minn nofs lira sa sittax il xelin. B'sitt soldi tiecol icla li iżżommoc. Il-laħam ijkum xi xelin ir-ratal, il ħobż xi tliet soldi, il butir xi ħames soldi il cŭart, il ġobon xi sittax il sold ir-ratal, il bajd seba soldi it-tużżana, il gas erba xelini cull elf pied cubu; iz-zoccor daks haŭn. Min dana tistgħu taraŭ li il ħajja f'New South Wales hi jeŭ daks haŭn Malta jeŭ ankas iżda il ħlas hu ŭisk acbar, fl-istess ħin li hemm clima tajjeb ħafna. L-ilbies biss hu ogħla.

Bla ichel u bla irkad furnar jakla żeŭġ liri u nofs f'il gimgħa, ħaddied nofs lira cull jum, legatur ta'l cotba ma't-tliet liri f'il gimgħa, scarpan ma'ż-żeŭġ liri u nofs, bennejja xelin u ħames soldi cull siegħa, carpentier żeŭġ liri u nofs f'il gimgħa, mastrudaxxa ħmistax il sold cull siegħa, buttara ma't-tliet liri, stampaturi żeŭġ liri u nofs, modisti xi lira f'il gimgħa, *labourer* sa tmien xelini cull jum, assistent f'ħanut ta'l grocer fuk żeŭġ liri f'il gimgħa; *shipwright* jakla sa tnax il xelin cull jum; ħajjat ragel sa żeŭġ liri u nofs u ħajjata mara sa lira u nofs; landier żeŭġ liri u nofs; tapezzar sa tliet liri u nofs; inginier fuk vapur sa tlietin lira f'ix-xahar; fireman sa għaxar liri u baħri sa seba liri. Daŭc li huma impjegati ma'l Gvern f'il vapuri-ta'l-art jeŭ f'it-trams jakilgħu minn sebgħa sa disa xelini cull jum. Coca takla sa lira f'il gimgħa bl-ichel u il chera b'collox: ħassiela u seftura li taf tmidd idejha, l-istess. (*Jissocta*).

# FRAC.

Da'l ġranet il Korti chien hemm caŭsa li cullħadd kasam kalbu biha. Billi hemm il curantina ma'l Egittu minn jigi minn hemm ijrid ijmur għand it-tabib ta'l berġa biex jinvistah. L-ordni taŭŭilhom fuk carta bl-ingliż u chien hemm min ma fehimhiex u għalhecc gie imħarrec u il Magistrat ma satax ħlief jatihom l-ankas piena ta' ħames liri cull ŭieħed fosthom familja b'it-tfal ŭeħlet għaxar liri li ma chelliex mnejn tħallashom. Dana ma hux seŭŭa, meta jatuhom l-ordni f'idejhom għandhom ijfehmuhom x'inhu u x'importanza fih, biex m'hux biss min hu strangier u injurant ma jgarrabx piena tkila bħal din iżda l-actar għaliex jecc xi ħadd minnhom ijcun attaccat b'il pesta u ma jifhimx li għandu jmur għand it-tabib għal vista jista jattacca il pajjis collu ħuġġieġa ŭaħda b'dana il mard tant icreħ; u billi ŭara minn ijxerrdu jeħel anche multa ta' mitt lira id-deni li jcollu jsir ijcun sar u ma jirranġah ħadd. Għaldakstant daŭc l-impjegati ta's-Sanità li huma incaricati minn dina il ħaġa hemm bżonn li jakdu dmirhom b'attenzjoni u b'rekka cbira għaliex jista jixxerred f'il pajjis ħafna mard icreħ bla ma jcun jista jisseŭŭa bl-ebda multa. Billi meta jiccunsinnaŭ l-ordni jistaksu jecc l-istrangier jifhemx bl-ingliż u billi jecc le jfehmuh flit l-importanza ta' dac l-ordni u li jista jeħel multa sa mitt lira ma jitilfu xejn u frattant billi l-istrangier jibża minn dic il multa cbira jmur għand it-tabib u jecc icun hemm xi pericolu ŭieħed jilkgħu malajr. Iżda ħafna m'il impjegati ta'l Gvern jakdu dmirhom bla kalb u moħħhom ma jcunx ħlief f'ħaġa ŭaħda dejjem—f'il gurnata ta's-salarju; u frattant jecc tixxerred il pesta f'Malta imbatu aħna li kiegħdin inħallsuhom.

★

Kiegħed ijsir, u b'ir-raġun collu, ħafna tgħemgħim fuk it-tonn li kiegħed jimbiegħ imgħoddi. Sguraŭni li nhar l-Erbgħa il Furjana imbiegħ tonn abjad carti u li chien inkabad is-Sint ta' kabel; u m'il Belt ucoll inxtara tonn imgħoddi u il bosta nies għamillhom id-deni. Nixtieku nafu ftit għala is-Sanità tagħlak għajnejha jeŭ ma tiftaħhomx b'iż-żejjed fuk li ħaġa tista tagħmel tant ħsara f'is-saħħa ta' cullħadd.

★

Nifraħ l'is-Sur Ġanni Lopez talli fl-aħħar għamlu ħakk miegħu u laħħkuh Spettur. Dana hu ŭieħed m'il membri l-actar ħabrieca li hemm f'il Corp ta'l Marina u b'il ħeġġa cbira tiegħu nakas ħafna il cuntrabandu ta'l lampichi. Għallankas d'id-darba sar il ħakk biex b'hecc ijkaŭŭu kalb daŭc li f'is-servizz ijfittxu li jakdu dmirhom b'il ħrara collha.

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta'l **Cavalier Orazju Agius**, fotografu, li miet da'l ġranet Bormla imħassar minn cull min chien jafu, biex Alla jatih il mistrieħ ta' dejjem.

★

Haŭn xniha tiġri li sejjra toħroġ gazzetta oħra b'it-taljan biex ticcumbatti il politica ta'l *Gazzetta di Malta*. Daŭna il ħafna pichi li tkanklu kiegħdin jagħmlu ħsara bla tarf lill pajjis billi b'hecc il poplu sejjer jigi imkassam fi tliet partiti li jitbiċċru bejniethom biex jatu gost lill Gvern li jokgħod ijħares jidħak f'il gallarija. Dina il gŭerra civili bejn il poplu sejjra tcun l-irvina tiegħu u sejjra turi li aħna ma ħakkniex min jafda ir-riedni f'idejna għaliex actar inħarsu lejn il personalità u l-interessi privati milli lejn il veru gid ta'l pajjis. Għaliex il veru gid ta'l pajjis f'mument criticu bħal dan ma hux li cullħadd jokgħod ijħares lejn it-tortijiet li jagħmlulu jeŭ billi ma laħakx fejn xtak iżda jissacrifica li il persuna u l-amor propriu tiegħu għal gid ta'l pajjis billi jżommu il għakda

u il għalenija li minngħajrhom ma nistgħu naslu imchien. B'dana il ħafna taħŭid il pajjis ma jistax ħlief jidħol f'imbarazz acbar u jitbigħed actar minn dac li jixtiek igifieri li jakla Costituzzjoni seŭŭa. Sa chemm ma chienx hemm il postijiet ta'l Esecuttiv katt ma inkala għaŭġ bejn il Cunsilieri iżda issa mindu inxteħet f'nofshom dana il *pomo della discordia* inkala it-taħŭid collu. Għajb għalina.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**F'il Purtugall** hemm taħŭid cbir ħafna u is-Sultan Manŭel actarx jitlak biex jilħak f'locu zijuh ħalli forsi jaħchem il pajjis ftit actar jebes u jrakkad it-tixŭix li hemm. Il Ministru Castro bi.li bagħbas xi flus sejjer jitlak ucoll.

**F'Napli** tħasset tħeżżiża ta' terremot kaŭŭija ħafna, u innies ħargu jiġru il barra collha imbeżżgħin. F'Caletri ŭakgħu xi djar u it-tropop li marru għal għajnuna ġa kalgħu minn taħthom xi għoxrin cadavru. Il Prim Ministru bagħat chemm sata nies u flus biex jiekaf ma daŭc l-imsejcnin. Is-Sultan u ir-Regina ta'l Italja telku minnufih għal fejn sar it-terremot biex ijkaŭŭu kalb il poplu u javsaŭ li tigi mogħtija għajnuna seŭŭa. L-actar ħsara saret f'Avellino u il biċċa il cbira ta'l bini ixxakket. S'issa jafu b'xi ħamsin ŭieħed mejjet.

**F'Oherengen**, fl'Alsazja ta' fuk, ŭakt tiġrija ta' aŭtomobbli li fiha chien presenti il Princep Hlinrich, lasctu ta' rota xpacca, l-aŭtomobbli ħabat ma siġra u it-tnejn li chien hemm fukha bakgħu mejjta b'id-dakka li ħadu. Bakgħu feruti ucoll tnejn oħra minn daŭc li chien hemm ijħarsu.

**F'Newmarket**, fl-Irlanda, sar taħŭid cbir bejn il partiti politici, u ix-xenati u il ġlied ta' bejniethom ħraxu tant li m'hux talli geŭ fl-idejn u sparaŭ fuk xulxin b'ir-revolvers iżda il pulizija ucoll chellha tagħmel in-nar u katlet ġuvni.

**Il Baruni Roenne**, russu, ġa xtara fejn Londra l-art biex ijŭakkaf stabiliment għal blalen li jibdgħu jieħdu il passiggieri għal bliet principali ta'd-dinja. Għal New York jaslu fi tnejn u sebgħin siegħa u għal Berlin f'sitta u tlietin u dan l-aħħar vjaġġ ma jcunx ijkum ħlief erba liri prima classi u tliet liri seconda classi. Daŭna il blalen sejjrin jaħdmu għal Parigi, Vienna, San Petroburgu u Ruma u cull ŭieħed ijcun, jista jgħabbi ma'l erba mitt ruħ barra m'il eqŭipaġġ. Sejjer ijcun hemm għal issa tnax il ballun.

**Is-Sinjurina Maria Harfiman** li hi l-actar ŭaħda għanja li hemm fl-America collha iżżeŭŭget ftit ilu, għal imħabba, ma'l iscultur Rumsey. Għal issa ma għandhiex ħlief miljun u erba mitt elf lira sterlina iżda la tmut ommha għad ijcollha għaxar miljuni liri sterlini tagħha, ma'i elf u tliet mitt lira renta cull jum!

**Fuk l-Europa collha** kamu tempesti cbar dan l-aħħar li damu jħarbtu għal erbatax il siegħa. F'in-naħħa t'isfel ta'l Inghilterra ħraxet b'killa cbira b'mod li ma jiftacrux li katt chellhom tempesta hecc kaŭŭija, u saru bosta disgrazzji u ħafna ħsarat. Cumpannija suldati li chienet għaddejja fejn Dresda, f'il Germanja, fakkgħet fukha sajjetta u katlet tlieta minnhom u feriet ħmistax.

# TLAKKIT.

**Meta jcolloc xi darsa imħassra u il polpa ta' geŭŭa tcun infjammata** ħoll ftit ORTHOFORM fi ftit spirtu, xarrab tajjara u daħħalha f'il ħofra u scond Hildbrandt l-ugiegħ għandu jgħaddilhec malajr. Dana ma hux velenu u għalhecc tista tużah bla ricetta ta' tabib.

**Dr: Wilson**, ijgħid li ŭaħda m'il ħŭejjeġ li l-actar jagħmlu gid għa's-saħħa hu il banju ta'x-xemx, igifieri li tokgħod b'kalziet ta'l għaum fi ġnien jeŭ fuk bejt titbascat b'ix-xemx bħal ma jagħmel il kattus. F'il Germanja hemm stabilimenti għal dina il cura.

**Bniedem** għandu bżonn għalih ta elfejn gallun arja cull jum.

**Dr. W. T. Cathell** jiccundanna li ŭieħed jorkod bl-istoncu tiegħu vojt għal collox għaliex ijgħid li jtajjar l-ingħas.

**Fl-Isvezja** l'is-scaren meta jdaħħluhom il ħabs jagħmlulhom d'il cura li biha jirnexxilhom li jaktgħulhom il mishut vizzju ta'x-xorb. Cull ma jatuhom jieclu jxarrbuhulhom fl-imbit. Għal l-eŭŭel jieħdu pjacir iżda ŭara gimgħa jeŭ għaxar t-ijiem ijsiru tant joboghdu ir-rieħa ta'x-xorb li ma jcunux ijridu ijxommuh iżjed.

**Il « Victoria Water-Lily »** meta jiftah ijcollu tmien piedi djametru; iżda l-acbar fjur li haŭn hu ir-rafflesja.

**It-Tabib Promber** ijgħarraf lil daŭc li jħitu ħafna jecc ijcolhom sabagħhom mibrux jeŭ imnigħeż jistgħu jiġu imniġġsin m'il ħolok ta'r-ram u ta'l fidda li xi dakkiet ijŭasslu sa'l meŭt.

**Vapur ta'l « Cunard Line »** ma ilux ħatt fl-Inghilterra għoxrin tunullata rix ta' ngħam li chienu jisŭeŭ ma'l mija u għoxrin elf lira!

**It-Tabib Joal ta' Parigi** sab li min ijħobb ijxomm ŭisk il fjuri u l-actar il ŭard ijgħarrak leħnu.

**It-te hu contravelenu** tajjeb ta'l oppju u ta't-tartaru emeticu u ħafif, ħafif jagħmel tajjeb f'id-deni u f'ir-reŭmatismu.

**Scond it-Tabib Leedham-Green** hi draŭŭa tajjba ħafna li ŭieħed ijgħalli l-ilma li jixrob għaliex is-sħana toktol il microbi ta'd-deni entericu li jista jcun fih.

**Iż-żejt ta'l chittien** hu tajjeb għa's-saħħa daks iż-żejt ta'l ħut u jsostni daksu. Jgħaddi malajr m'il istoncu u ma jdardarx u jżommoc purganti ucoll. Jecc tagħmlu *emulsjoni* itttogħma tiegħu titgħatta malajr, u jagħmel gid ħafna ucoll il min ijcun marid b'il morliti.

**Meta trid tnaddaf xi gabarrè** minn daŭc ta'l ġappuniżi katt ma għandec tmissu b'il mishun għaliex il verniċ jitkarkaċ u jitkaxxar. L-aħjar ogħorcu b'nakra żejt ta'l ichel u b'biċċa flanella.

**Meta f'il ccina tkaxxar il basal**, it-teŭm, isseŭŭi il ħut jeŭ tmiss xi ħaġ'oħra b'rieħa tinten biex tneħħiha agħmel ftit mishun u ħoll ftit mustarda u aħsilhom fih u tara chif tmurlec malajr.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel*).

KATT TIEĦDU RAGEL STUPIDU għaliex ma tistgħu tħobbuħ katt u għalhecc ma tistgħu tcunu katt ħienjin. Xijisŭa billi jcun għani, billi jcun nieżel minn gidd puiit jeŭ imkar nobbli, x'jisŭa billi jcun sabiħ u jbigħ is-saħħa jecc f'loc moħħ ijcollu sponża, jecc cull fejn tieħdu tistħi f'locu, jecc cull ma jgħid ma jisletx minn fomm cull minn jisimgħu ħlief tbissima l-actar chiefra? « *La donna che si vergogna del proprio compagno, che deve arrossire di lui in ogni conversazione, sente minorata anche la propria dignità, e quando i suoi figliuoli sono grandicelli ed è costretta a compatire davanti ad essi il loro padre, prova uno di quei dolori profondi, muti, che solcano l'anima come un ferro rovente. La donna dev'essere fiera del marito suo, e della sua gloria; e del suo ingegno gode quanto lui e più che lui.* » Il mara f'il ħin li kiegħda tħobb il il ġmiel, is-saħħa, l-intelligenza, il ħila jeŭ l-isem ta' ragel, hi dejjem omm u daŭna il ħŭejjeġ actar tħobbhom għaliex jirtuhom uliedha milli għaliex tgaŭdihom hi; u għalhecc bħal meta tifraħ u tħobb actar il żeŭġha għaliex għamilha omm ta' tfal sbiħ, intelligenti u b'saħħithom; hecc ucoll titgherrex, tibred, jecc ma tobgħodx ucoll il dac ir-ragel li taha tfal stupidi, coroħ jeŭ bla saħħa. L-actar imħabba kaŭŭija li tħoss mara hi dic lejn uliedha u għaliha tħobb u tobgħod, tingibed u titbigħed u tagħmel cull sacrifiċċju xi dakkiet tasal sa'd-delitt ucoll.

Il mara iġġerraħ il cruħa u tagħder bniedem marid; iżda bniedem stupidu ma iġġerrħu u ma tagħdru katt; u għalhecc ma tista katt tgħix miegħu ħienja u minn haŭn tibda iż-żennuna ta'l għaŭġ collu li jŭassal ħafna familji fl-irvina u f'il għajb. Meta ir-ragel f'loc li f'il ħajja jmixxiha hu trid tmixxih hi, ma tista tistmah katt u bla stima ma jista katt ijcun hemm imħabba.

Mela għallankas jecc ma jcunx jaf ħafna scola basta li moħħu jcun jatiħ u jilħaklu ħalli f'il ħajja jcun jaf jimmaniġġa ittmun tajjeb u jaħrab l-iscolji biex ma jfarracx collox fukhom. Ŭieħed jista jcun ħafna intelligenti bla ma jaf scola, bħal ma haŭn min jaf l-iscola bla ma hu intelligenti. Aħjar ta'l eŭŭel minn ta't-tieni u ħafna.

Meta ir-ragel ijcun stupidu jibda ma jsibx fejn ijmidd għonku u il ħajja ta'l għass tircbu malajr u tcarcar ŭarajha il għacs, il għera, il għajb u id-dŭejjak. Ix-xogħol biss jista f'il ħajja jati l-ħena u il bniedem ma jista katt jiecol actar bl-aptit m'il ħobż li jcun għagen b'il għarak ta' ġbinu. « *Senza fatica nessun riposo; senza travagli nessuna gioja. E' in alto che fioriscono i fiori più belli, che si godono i più alti orizzonti, e per salire convien sudare* » (M), u scond ma jaħsibha il għaref Mantegazza —l-agħar għażla li tista tagħmel hi dic meta taħtar b'żeŭġec ragel għażżien, li ma jħobb ijmidd għonku għal xejn. « *Oso dire per lunga esperienza, che il marito fannullone è il peggiore di tutti i mariti.* »

Nistħajjel tgħiduli :— «Aħjar tgħidilna m'il eŭŭel la tiżżeŭŭġux, milli kiegħda timlilna rasna b'da'l ħafna priedchi għaliex ragel chif tridna insibu inti, bla difetti u b'ħafna preġji, ma insibuhx katt sgur.»

Le, sejjrin ħafna imkarrkin għaliex għad li ma jinsabux gozz gozz iżda jeżistu l-irgiel li huma imżejjnin b'ħafna preġji sbiħ u li ma għandhomx ħlief difetti żgħar ħafna li ŭieħed jista jgerraħhom bi tbatija żgħira. Sibu, billi tfittxu b'il għakal, ŭieħed minn daŭna iż-żgħażagħ u allura iż-żŭieġ ijcun mimli b'cull barca u b'cull risk għalicom; iżda jecc ma issibuhx tagħmlux bħal daŭc il boloħ li biex ijcunu iżżeŭŭġu bħal l-oħrajn jinxteħtu għal rashom imkar fl-infern.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

(*Jissocta*).



## ARG'A L-URA....

CHIENET lejla ta'x-xita. Bħal mibluħa
ħriġt minn ġo'd-dar, fejn cont dejjem miġbura,
ħriġt tiġri ŭara 'l fruħa
ta'd-dinja. . . . Ħares l-ura!
Ftacar fl-ulied żgħar tiegħec,
f'dac żeŭġec li Alla tac biex jgħammar miegħec.

Fejn trid tmur timraħ? għid, ŭerka mitbiela,
ma'r-rieħ tittajjar sa ma'l ħamla iġġorrha?...
Katt ħsibt?... għid ftit, x'jisŭielha,—
f'd'il ħajja l' hi tant morra,—
li togħla biss għal siegħa
biex il ŭied fl-aħħar jibka sejjer biha?

Chemm trid titbecca, msejcna!... Għad—f'it-tieka,
bla ngħas imxerrfa, f'ħemda li ma bħalha,—
Sgur taħcmec l-aħrax dieka
bla ma tintebaħ għala. ..
Uliedec f'dac il ħin
ijcunu jsejjħu lilec, imnicctin.

Ijsejjħu u jolfku.... u int, samma daks blata,
ma tmurx; ja omm bla kalb, tara xi ġralhom?
Int taf, ja mara ingrata,
li ħadd ma jħobboc bħalhom!...
U jista jkarrak bic
sa dac li imħabba cbira jcun juric....

Arġa l-ura!... Min jindem, chif kal Alla,
jiġi maħfur u kalbu fis titħenna.
Cont k'ed tintilef.... stalla!
Għal fejn tokgħod tistenna?
Arġa lejn darec mur,
Aħjar il għacs u'l guħ m'id-disunur!

BERTU CESAREO.

# IS-SAHHAR FALZUN.

## IT-TIENI TAKSIMA.

## (AMBROG')

LILL
HABIB GHAŻIŻ TIEGHI
**L-Onor: ARTURU MERCIECA M.A; L.L.D.**
ŻAGHŻUGH TA' HILA
LI DEJJEM HABB IL PAJJISU,
B'TURIJA DGHAJJFA
TA'
IMHABBA SFIEKA
DINA
IT-TIENI TAKSIMA
TA'S - « **SAHHAR FALZUN** »
B'KALBI COLLHA
NATI.

A. L.

Sliema, ġunju 1910.

### XI.

### IL HALFA TA'L IRSIR.

Ambroġ żamm chelmtu, u għad li f'kalbu għela għal oħtu, ma marx jaraha u la meta bagħtet titolbu b'il ħniena fl-aħħar ta'ħajjitha u lankas ŭara meŭtha. Chien ħalef fuk id missieru mejjet li għandu jitħallas bl-icreħ minnha u m'il Cavalier De Saqŭeville u jecc ma seŭŭibx il killa tiegħu fukha ma għamlux għaliex chien jaf li driegħ kaŭŭi actar minn tiegħu chien beżbiżha ġa b'iż-żejjed għal dnubha. Ta'l Cavalier chienet għadha misrura għal meta jigi m'is-safar, imkar jecc chien ijdum għaxra jeŭ għoxrin sena oħra. Chien kal hecc u il chelma ta' malti chienet, f'dac iż-żmien, ŭisk akkal minn ħalfet is-Sultan.

Ma' dina il ħalfa ta' Ambroġ issa żdiedet ħalfa oħra contra il Cavalier—dic ta'l irsir Hamid—li, midrub chif chien f'kalbu b'it-telfa ta' Carmena, chellu mitt sena li jara jasal il jum li fih jista jkarmec taħt snienu u jgħaffeġ taħt għarkubu il kalb bla ħniena u bla imħabba ta' dac il karrieki u faħxi Raħeb ta' San Ġŭann.

Il Cavalier ħaseb li billi jbeŭŭeġ il barra u ijmur jderri f'pajjisu bħal ma chien ŭebblu De Goutre chien sejjer la jarġa jdaŭŭar denbu lejn d'il gżira jsib lil cullħadd nesa il għamil chiefer tiegħu, bla ma gieb kuddiem għajnejh li il malti jecc jaf ijħobb b'imħabba ta'l genn jaf ucoll jobgħod b'killa li ma bħalha il min jagħmillu il ħsara u l-actar il min ijtebbagħlu il gieħ ta'n-nisa tiegħu.

Inħallu mela għal ftit il Ambroġ u il Hamid, għad li ma jitħamlux, ijbejjtu fi sdirhom il karrieki De Saqueville u jtellgħu u jniżżlu chif l-aħjar jagħmlu biex ijseŭŭbu fuku il killa ta' klubhom imgerrħa tant bl-icreħ, u naraŭ ftit x'għadda m'is-Sur Kalamias ŭara il chedda cbira li ħa b'it-telfa f'daru ta'l imsejcna Carmena.

Dana ix-xŭejjaħ ta'kalb tajjba u ħanina chien chiser ġmielu is-sebgħin sena u għalhecc cull ŭaħda għalieh chienet bdît tgħodd bi tnejn; u Carmena barra m'il ħleŭŭa li issaħħrec ta'l kamħi uiċċha, chellha fommha ta'z-zoccor u kalbha t'anġlu b'mod li ħadd ma chien jista jersak lejha u ma jsirx ijħobbha bħala l'actar ħaġa għażiża li għandu.

Tistgħu taħsbu mela is-Sur Kalamias chif rabat kalbu magħha, hu li fi xjuħitu ma chien fadallu il ħadd minn niesu, fuk min ijseŭŭeb l-imħabba ta'missier tiegħu; hu li m'hux biss trabbiet taħt għajnejh minn tfulitha, iżda li issa lakagħha, bħal bintu, f'daru fi tbixchila bħal dina li giet fukha; hu li chien l-egħżeż ħabib ta'l Hachem missierha u li chien jaf li chien ijgħożżha daks il mimmi ta'għajnejh; u għalhecc il meŭt taghha u l-actar it-tmiem chiefer tagħha fl-isbaħ jiem ta' xbubitha, għallmu fih seŭŭa, ŭakgħet fuku bħal ħemda tant cbira, tilef l-ingħas, intebak għal collox l-istoncu tiegħu u ftit granet ŭara bagħat il Hamid, li baka miegħu bħal ibnu, biex ijsejjaħ l'it-Tabib Xara biex jara x'jidhirlu minnu. Sidor biss f'dic id-dar imcheffna f'in-nichet chien kejsu xakk ta' daŭl ferrieħi billi b'il ġmiel ta' ŭiċċu u b'il ħleŭŭa tiegħu chien ijneħħi għomma minn kalb cull min chien jarah.

—« Imsejchen tfajjel bla ħtija » chien b'id-dmugħ f'għajnejh ijgħidlu f'kalbu is-Sur Kalamias x'ħin chien ijżenglu bejn idejh « int li ma tafx taħt liema cheŭcba cherba tŭielidt chellec tħallas il-laħam ta' collox u titrabba mnicchet bħal susan ta'x-xgħari.... » u iċ-ċchejchen Sidor chien jitbissimlu jidħak u jħebb biex jakbadlu il bajda lebitu.

Hamid chien mixrub ucoll ŭarajh f'telfa lima bħalha; u għad li is-Sur Kalamias gieblu imreddgħa godlija biex treddgħu, l-irsir chien dejjem ijżommu ħdejh f'camartu, u li chiecu chien minn għalih chien imkar ijċarċar demmu biex ijgiblu ħalib it-tajr.

Min jaf chemm il darba ma' tul daŭc l-iljieli kliel li Hamid għadda jitbecca ŭara il meŭt ta' Carmena, chien jinxteħet għa'rcopptejh ma genb in-nieka tiegħu u jokgħod jitħasseb fuk dac li għad ijrid ijgħaddi minn għalih f'dina il ħajja chiefra; u hemm chien ijħoss kalbu actar tingibed kaŭŭi lejh u kuddiem għajnejh actar chienet tleħħ ħarxa dic il ħalfa li għamel fuk il ġbin ta'l mejjta ommu li għandu jitħallas b'mod l-actar icreħ minn dac il kalb ta' tigra li m'hux biss kered il Carmena bi ħruxitu iżda li issa telak ucoll bħal ŭerka niexfa ma'l ħamla ta'l ħajja dic l-inŭara tant feŭħana ta'l imħabba kasira tagħhom.

Iżda, għalchemm is-Sur Kalamias u Hamid chienu jħobbu il Sidor daks id-daŭl ta' għajnejhom huma ma chienux jafu jduru b'dic it-tarbija bħal ma taf iddur biha ommha jeŭ għallankas ŭaħda minn demmu; u l-imreddgħa, għad li chienet tħabrec biex takdi dmirha m'il aħjar li tista, dejjem chienet barranija u għalhecc ma setgħetx tħoss ħlief gibda u ħniena cbar iżda m'hux imħabba, għal dac il blanzun imkaċċat kabel il ŭakt minn fuk is-siġra li inħalket biex issebbħu b'in-nixa l-actar bnin ta'l għeruk tagħha.

*(Jissocta).*

---

# LOGHOB.

It-tifsira ta't-Taħbil-il-Moħħ ta'l gimgħa l-oħra hi dina:—

It-tifel il cbir gieb barri minn tiegħu biex saru tmintax. Hu ħa 9, l-ieħor 6, iż-żgħir 2 u il barri li baka, billi chien tiegħu, ħadu m'il ġdid il cbir.

### TAHBIL IL MOHH.

Siegħa u nofs ilu chien jonkos għal nofs inhar darbtejn actar milli minn haŭn u sagħtejn oħra jcun ilu li dakk nofs inhar. X'ħin chien?

S.

# Is - "SAHHAR FALZUN"

## *M*a iddumx ma tidher fi ctieb l=euuel taksima ta' dana ir=romanz billi intghog'ob uisk u hafna xtieku jakrauh. *M*a indumux ma inghidulcom mnejn tixtruh u chemm ijkum.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Hueeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**tal ahmar, tal abat, u tal caûba.**

**Collox mil irhas u mil ahar.**

BRITANNIA

---

SCOLA TA'T=TIFSIL.

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il Prof: Vincenzo Grech li ġie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rġiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

---

# L = OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il ġid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossiġenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

---

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir=Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it=Torri.**

---

Min hu marid bi-Anemija (ńakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

THE SEA VIEW-HOTEL.

Dan il Hotel ta't-Triek il Ġdida ta' San Giljan, għaddha taħt it-triegija ta' ĠUŻE' CAVALLO u għalhecc cull min ijcun l-hemm u jidħol biex jieħu grog jeŭ calazzjon ma'l familja, billi jsib collox m'il aħjar, collox nadif, nies ilkugħija u collox b'irħis, sgur li joħroġ cuntent u jtenni.

---

# IN-NEVRASTENIJA

**hi marda kalila ħafna, li ittelliflec il ħena collu ta'l ħajja u li jecc tircbec seŭŭa iġġorroc il manicomju. Dina il marda studjaha ħafna tajjeb il għaref**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**u sab rimedju għaliha li m'hux biss hu imfaħħar m'il aħjar Professuri ta'l Italja iżda ucoll minn eluf ta' nies li chienu morda u fieku b'dana**

## l-ANTINEVROTICU.

**Haŭn Malta dana mexa ħafna ucoll u cull min ħa minnu faħħru ŭisk. Morru mela intom li tinsabu maħkura minn dina il marda għand**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

**ta' Strada RJALI ta' BELT u ixtru flixçun biex tippruvaŭh.**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**